MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-9 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 483/2002

**L-Avukat Antoine Naudi fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali tad-ditta estera Elaflex Italia S.r.L.**

**vs**

**John Abela Ltd**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 t'Awissu tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici estera s-somma ta' tlett elef disa' mija wiehed u tmenin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (LM3,981.52,0), ekwivalenti ghas-somma ta' EUROS 9,381.99 (formalment sal-31 ta' Dicembru tas-sena 2001 denominata fil-munita Mark Germaniz 18,349.57) rapprezentanti danni li soffriet is-socjeta' estera attrici unikament minhabba n-negligenza, in-nuqqas ta' diligenza u ta' esekuzzjoni ta' inkarigu li kien gie moghti lilhom mis-socjeta' estera attrici u liema inkarigu kien gie accettat minghandhom;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-29 ta' April tas-sena 2002 (DOK AN1), dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 7 ta' Mejju tas-sena 2002 (DOK AN2), dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-31 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi ma hemm ebda relazzjoni guridika mal-attur imma l-inkarigu kien ta' Petroleum Services plc ta' 250, Mdina Road, Qormi;**

**2. Illi l-esponenti qatt ma accetta xi inkarigu minn ghand l-attur;**

**3. Illi dan il-garr sar skond il-kondizzjonijiet tal-CMR peress li ngarr bit-triq u d-danni jekk jirrizultaw huma limitati skond il-piz tal-konsenja;**

**4. Illi l-persuni responsabbli ghan-nuqqas ta' diligenza u ta' esekuzzjoni huma l-Petroleum Services plc kif ukoll il-Bank of Valletta plc u l-Malta Post plc li l-esponenti bir-rispett jitlob li ghandhom jigu kjamati in kawza u jirrispondu ghall-azzjonijiet taghhom;**

**Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Marzu tas-sena 2003 fejn in vista tar-raba’ eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta ordnat lill-partijiet jitrattaw din l-eccezzjoni f’udjenza rizervata ghal dan l-iskop;**

**Innutat li r-rapprezentant legali tas-socjeta’ konvenuta naqas li jipprezenta ruhu ghall-udjenza hekk rizervata ghall-imsemmija trattazzjoni preliminari minghajr ma ressaq l-ebda raguni valida fil-ligi;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi stante li s-socjeta’ konvenuta ma pprezentat l-ebda raguni in sostenn tar-raba’ eccezzjoni minnha sollevata, u in vista ta’ l-artikolu 47 u 48 tal-Kap 12 fuq riferiti, tirrespingi l-istess eccezzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------